ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 13/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 15 ta' April, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fl-16:00hrs.

### Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** | |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** | |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

Francesca Tabone ***Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

13.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Francesca Tabone ma setgħetx tattendi għal-laqgħa minħabba li kellha *lecture* fl-istess ħin.

13.1.3 Minħabba l-imxija tal-Covid-19, is-Sindku Terence Agius, il-Viċi Sindku Joseph Schembri u l-Kunsilliera Ritienne Caruana kienu parti minn din il-laqgħa permezz ta' *Confra Call*.

13.1.4 Dan sar bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha u kif permess ukoll mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'Direttiva Nru. 2/2020, Punt 4.5.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 12

13.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 12 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Direttiva Nru. 2/2020 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Corona Virus (Covid-19)'.

13.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari 03/2020 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Microsoft Teams'.

13.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċeiva Ċirkulari 04/2020 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Allokazzjoni Finanzjarja – *Ring-Fencing'*.

13.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand l-Institute for Education dwar opportunità biex il-Kunsill ikun *Contributor* billi joffri *placement* għall-istudenti f'Lulju 2021.

13.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-email u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat tinforma bl-interess tal-Kunsill li jipparteċipa f'din il-*Placement Opportunity*.

13.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien qed ikollu ħafna kritika dwar il-knis tat-toroq. Is-Sindku spjega li għaldaqstant kien tkellem mal-*Contract Manager* dwar dan biex jara ftit kif dan ix-xogħol jista' jiġi ċċekkjat.

13.3.5.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li l-*Contracts Manager* kien għamel pjan bil-ġranet skont il-frekwenza li fiha għandhom jinkinsu t-toroq.

13.3.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qablu li jitolbu lil *Contracts Manager* jiċċekkja l-knis fit-toroq li l-frekwenza tagħhom qegħda kuljum u jagħtina rapport ta' x'qiegħed jiġri.

13.3.5.3 Is-Sindku Terence Agius talab ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv biex tara li l-impjegati jiċċekkjaw is-CCTVs biex naraw li fejn il-*bring in sites* jinżamm nadif.

13.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand il-GoTo rigward servizz ta' *electric cars* u *scooters*.

13.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-*email* u kien hemm qbil li bħalissa l-Kunsill ma għandux bżonn ta' dan is-servizz.

13.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-EU & International Affairs Unit fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward Life Application Calls 2020 bit-tema 'Invest in a Greener Future'.

13.3.7.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Cody Galea biex jispjega aħjar dwar dawn il-fondi peress li kien iċċekkja dwarhom mal-MEUSEC.

13.3.7.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hemm żewġ tipi ta' fondi li jaqgħu taħt din il-miżura, waħda minnhom tiffinanzja sa 55% ta' proġetti li jaqgħu taħt il-Life Project u l-oħra sa 75% dwar proġetti relatati ma' *Nature & Biodiversity*.

13.3.7.3 Il-Kunsillier Galea kompla jgħid li f'din tal-aħħar il-Kunsill jista' japplika għal vann biex jintuża mill-Kunsill, minħabba li dak li għandna huwa qadim ħafna u wasal biex jinbidel. Hu kompla jgħid li jekk il-Kunsill jaqbel jista' jipprepara l-*concept note* biex juri li l-Kunsill huwa interessat.

13.3.7.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu unanimament li ssir il-*concept note* biex wara tkun tista' ssir applikazzjoni. Il-Kunsillier Galea ser jieħu ħsieb jipprepara din il-*concept note*.

13.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward it-Tnehdija tal-Ewwel Sejħa dwar il-Proġett EUCF Webinar.

13.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li f'dan l-istadju l-Kunsill mhux interessat li jipparteċipa.

13.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien talab stimi biex isir bieb diviżorju għal bejn il-*boardroom* u l-uffiċċju tas-Sindku.

13.3.9.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva żewġ kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-kwotazzjonijiet u qablu li tingħażel l-irħas offerta.

13.3.9.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex ix-xogħol tal-bieb tal-*boardroom* isir mill-orħos offerent, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

13.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand it-TCTC rigward 'Proposal for Online Learning to the Elderly and all Generations'.

13.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għalissa mhux interessati f'din il-proposta.

13.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*Foundation for Tourism Zone Development* kienu qed jagħmlu xogħlijiet fuq bankijiet u *street furniture*.

13.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u kien hemm qbil li tintbgħat *email* lill-Onor. Julia Farrugia Portelli fejn ninfuramawha li l-Kunsill huwa interessat.

13.3.11.2 Fil-frattemp il-Kunsilliera ser ikunu qed jippreparaw lista ta' xogħol li hemm bżonn li jsir biex jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, inkunu nistgħu mmexxu.

13.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li x-xogħol fuq ir-*roundabout* ta' Triq l-Industrija k/m Triq Triq San Pietru kien jinsab wieqaf minħabba li kienu qed jistennew it-twessiegħ tat-triq. Ix-xogħol ser ikun qed jitkompla malli dan ix-xogħol isir.

13.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-permess tar-rampa tal-librerija kien ħareġ.

13.3.13.1 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tfakkar lill-kuntrattur li kien qed jaħdem fi Triq San Benedittu biex jagħtina stima għal din ir-rampa, biex din tkun tista' ssir max-xogħol ta' Triq San Benedittu kif kien ġie diskuss aktar qabel.

13.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien komunikat bl-*email*, kien hemm bżonn li tinbidel il-batterija tal-magna tal-qalb (AED). Hu qal li mingħajr din il-batterija din il-magna hija bla funzjoni u għaldaqstant din ġiet ordnata.

13.3.14.1 Il-Kunsilliera qalu li dan huwa każ urġenti u sar tajjeb li din ġie ordnata għaliex wieħed ma jafx meta jista' jkun hemm bżonn li din il-magna tintuża.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

13.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-problema tad-dawl li kien hemm fi Sqaq ir-Ramlija. Hu qal li l-bozoz ta' Sqaq ir-Ramlija ilhom jiġu rrapurtati lill-Enemalta u jidher li dawn qed jiġu jiċċekjawhom imma l-problema qed tibqa' hemm.

13.4.1.1 Il-Viċi Sindku kompla jgħid li dawn it-tlett lampi li jieħdu *supply* minn Triq Danny Cremona, qed jinqatgħu kull darba li tagħmel ix-xita. Hemm bżonn li jiġi ċċekkjat minn fejn ġej is-*supply*.

13.4.1.2 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lill-Enemalta biex l-Engineer jitkellem mas-Sindku biex jispjegalhom eżatt il-problema x'inhi u jekk ikun hemm bżonn jiltaqa' magħhom fuq il-post biex din is-sitwazzjoni tissolva darba għal dejjem.

13.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-kuntratt tal-manutenzjoni tas-*soft areas* u ġonna pubbliċi. Is-Sindku qal li hu kien iltaqa' ma kuntrattur iżda l-prezz kien għoli ħafna .

13.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qablu li nitolbu lid-Dipartiment biex tinħareġ vakanza għal Ġardinar Part-Time. Il-Kunsill għandu fondi biex iħallas is-salarju neċessarju, mill-fondi tal-Kunsill, b'mod indefinit.

13.4.2.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex tinħareġ vakanza għal Ġardinar Part-Time, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

13.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa lis-Sindku x'kien għamel dwar il-kummenti li nkitbu kontra l-Kunsill u kontra l-Viċi Sindku fuq il-midja soċjali.

13.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti ma kienx għadu tkellem dwarha. Is-Sindku Terence Agius qal li kien ser jikteb *email* lill-partit konċernat biex dan id-diskors li ma huwiex veritier jitneħħa minn fuq il-midja soċjali kemm jista' jkun malajr.

13.4.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar id-*disabled parking bays* li hawn fir-raħal u jekk dawn hux ser jibqgħu hemm jew inkella ser jitneħħew.

13.4.4.1 Is-Sindku spjega li d-*disabled parking bays* isiru fuq talba lil Transport Malta, liema talba tkun ċertifikata wkoll mill-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

13.4.4.2 Is-Sindku kompla jgħid li uħud minn dawn id-*disabled parking bays* isiru b'mod permanenti u oħrajn temporanji, dejjem skont il-każ u n-natura tad-diżabilità.

13.4.4.3 Għaldaqstant, jekk *disabled parking bay* tkun saret b'mod temporanju din titneħħa meta jiskadi ż-żmien jew issir talba biex tiġġedded skont il-każ.

13.4.5 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu kien qed jitkellem mal-MEUSEC rigward applikazzjoni għall-fondi taħt Miżura 4.4, biex jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjieħ li għandhom bżonn restawr.

13.4.5.1 Il-Kunsillier Galea kompla jispjega li din l-applikazzjoni tagħlaq fl-aħħar ta' April 2020 u hu kien f'kuntatt ma' rappreżentanta tal-MEUSEC li ser tkun qed tgħinu jagħmel l-applikazzjoni.

13.4.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-Miżura u qablu li l-Kunsill jitfa' l-applikazzjoni. Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem mal-Perit biex jagħtina stimi għax-xogħol fuq il-ħajt tas-sejjieħ biswit l-arkata ta' San Ġakbu u ħitan fi Sqaq ir-Ramlija.

13.4.5.3 L-ewwel prijorità huwa l-ħajt biswit l-arkata ta' San Ġakbu biex hekk il-proġett tad-daħla ta' Ħal Kirkop minn Triq San Ġwann u Triq Dun Ġużepp Barbara jkun komplut. Jekk ikun fadal flus mill-fond, il-Kunsill idaħħal ukoll l-istimi ta' Sqaq ir-Ramlija.

13.4.5.4 Kien hemm qbil li l-Kunsilliera jinżammu infurmati b'dawn l-istimi permezz tal-*email* biex l-applikazzjoni tkun tista' tiddaħħal fil-ħin.

13.4.5.5 Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-*contact person* ta' din l-applikazzjoni jkun il-Kunsillier Cody Galea peress li huwa l-persuna 'l iktar intiża fuq dan is-suġġett u peress li 'Applikazzjonijiet għal Fondi Pubbliċi u Ewropej' hija waħda mir-responsabilitajiet tal-Kunsillier Galea.

13.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien miftihem, hu kien iltaqa' ma' rappreżentanta tal-Malta Public Transport rigwar il-*bus stop* ta' Triq ir-Ramlija. Hu qal li dan il-*bus stop* kien ser jitressaq ftit 'il fuq biex x'ħin tieqaf il-karozza tal-linja ma tostakolax Triq Danny Cremona u Sqaq ir-Ramlija.

13.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk kienx hemm feedback dwar is-siġar li kienu ser jitħawlu minn Ambjent Malta.

13.4.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet bagħtet *reminder* dwar dan lir-Reġjun Nofsinhar u minn naħa tagħhom kienu infurmawna li Ambjent Malta kienu qed jistennew xi siġar minbarra, li minħabba l-problema tal-Covid-19 ma kienux għadhom intbgħatu mill-Italja.

13.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-bankina li kienet ġiet irranġata fid-dħul ta' Sqaq ir-Ramlija, fejn spjega li kellu rapporti li din ġiet ftit għolja.

13.4.8.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li ser jiċċekkja dwarha u jitkellem mal-persuna li kienet għaddiet dan l-ilment biex jara x'hemm bżonn isir biex ħadd ma jkollu problema biex jidħol u joħroġ.

13.4.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar id-dawl taz-*zebra crossings* fi Triq l-Industrija u Triq Ġnien Rousset.

13.4.9.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem mal-kuntrattur tad-dawl biex jara jekk tistax issir *floodlight* li tagħti d-dawl għal fuq dawn iz-*zebra crossings*.

13.4.9.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

13.4.9.3 Fir-rigward taz-zebra crossing fi Triq l-Industrija, s-Sindku Terence Agius qal li kien hemm bżonn li tiġi rranġata l-bankina u ssir bir-rampa bil-madum, peress li din hija għolja ħafna u għaldaqstant diffiċli biex wieħed jaqsam. Kien hemm qbil li din il-bankina tiġi rranġata mill-ħaddiema tal-Kunsill.

13.4.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-problema tal-*isleeping police* fi Triq il-Lewżiet. Hu qal li din hemm bżonn tiġi rranġata biex ma jkunx hemm aktar *complaints* dwarha.

13.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u qablu li jitolbu lill-kuntrattur iqaxxar is-*sleeping police* u jagħti *layer* sħiħ ta' tarmak biex dan jiġi ħaġa sħiħa u mhux b'żewġ saffi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

13.4.10.2 Is-Sindku Terence Agius ser ikellem lill-Perit biex jara eżatt fejn saret *sleeping police humped* li hi tajba, biex il-Kunsill ikun ċert li ssir bħalha u ssir sewwa biex din il-problema tissolva darba għal dejjem. Malli s-Sindku jikkonferma dan, din is-*sleeping police* tkun tista' tiġi rranġata.

13.4.10.3 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li l-kontijiet pendenti tas-*sleeping police* kif jidhru fl-iskeda ta' pagamenti annessa għandhom jitħallsu.

## 13.5 Rapport tal-Ilmenti

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 13.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ir-Rapport Amministrattiv kien diġa ġie approvat f'laqgħa preċedenti. Bi żvista ddaħħal dan l-*item* fuq l-aġenda peress li r-rapport amministrattiv ikun marbut mal-laqgħa annwali tal-lokalità.

13.6.2 Is-Sindku Terence Agius mexa għall-*item* li kien imiss fuq l-aġenda.

## 13.7 Skema 2 – Manutenzjoni fil-komun tal-appartamenti tal-Housing

13.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien talab parir legali fir-rigward tax-xogħol ta' manutenzjoni li kien imwiegħed li jsir fi blokka ta' appartamenti fi Triq San Pietru.

13.7.2 Is-Sindku kompla jgħid li l-Avukat kien ra d-dokumenti mibgħuta u qalilna li l-Kunsill jista' jiftaħ kawża kontra l-Awtorità f'isem ir-residenti ta' din il-blokka.

13.7.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-Kunsill qiegħed hawn għar-residenti u għaldaqstant għandu jappoġġja lir-residenti f'din il-kwistjoni.

13.7.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qablu li l-Avukat jikteb lill-Awtorità fejn jinfurmaha li jekk mhux ser tittieħed azzjoni dwar din il-problema l-Kunsill ser ikun qed jieħu passi legali.

## 13.8 Manutenzjoni u Ftuħ/Għeluq tal-Latrina Pubblika

13.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kienet qiegħda taħdem fuq it-termini u d-dettalji biex tkun tista' tinħareġ sejħa pubblika għall-manutenzjoni u ftuħ/għeluq tal-latrina pubblika.

13.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li din kienet qed tinżamm ftit pendenti minħabba xogħol aktar urġenti li kien hemm kaġun tal-imxija tal-Covid-19 u s-sitwazzjoni preżenti li laqtet il-pajjiż.

13.8.3 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-19:00hrs.

## 13.9 Data għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità – April 2020

13.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif ġie diskuss fil-laqgħa ta' Marzu 2020, minħabba l-imxija tal-Covid-19 din il-laqgħa ma tistax issir.

13.9.2 Dan ġie kkonfermat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz ta' Direttiva 2/2020, Punt 2 li jitkellem dwar Laqgħat Pubblici skont Artiklu 70, fejn il-Kunsilli qed jiġu eżentati mill-obbligu legali li ssir laqgħa annwali sa mhux aktar tard mill-15 ta' April u qed jintalbu biex ma jorganizzawx din il-laqgħa għall-pubbliku.

## 13.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

13.10.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 101 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

13.10.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 101 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.11.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

13.11.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Mejju, 2020 fl-4.30 ta' wara nofsinhar.

13.11.3 Il-laqgħa ntemmet fil-19:30hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 20 ta' Mejju, 2020

**Mozzjoni Ref:** 070/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 12.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' April, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 071/20/9

**Mozzjoni:**

Biex ix-xogħol tal-bieb tal-*boardroom* isir mill-orħos offerent.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' April, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 072/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tinħareġ vakanza għal Ġardinar Part-Time.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' April, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 073/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' April, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 074/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 101.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Terence Agius |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' April, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**